MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Numru. 947/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
EMANUEL SIVE NOEL PALMIER

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel sive Noel Palmier bin il-mejjet Anthony u l-mejta Pauline mitwielda Zarb, imwieled il-Belt fit-28 ta’ Dicembru 1961 u joqghod The Gables, Block D, Flat 7, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija limiti ta’ San Pawl il-Bahar, li ghandu numru ta’ karta al-identita 68962M talli nhar il-Gimgha 14 ta’ Novembru 2003 filghaxija u matul ix-xhur precedenti, impjega jew ta’ xoghol lill-persuni cioe lil Emlya Dimitrova Kostova, lil Stelka Todorova u lil Emilia Evanova, li huma ta’ nazzjonalita Bulgara, li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitlu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikolu 32 1(b) tal-kap 217.

Talli bhala sid tal-istabbiliment maghruf bhala Savini Restorante li qieghed fi Triq il-Qawra, Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar, impjega lill-istess persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali.

Talli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li impjegat persuni ohra, whole time, part time jew xort ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 32 1(b) tal-kap 217, Avviz Legali 3(a) u 10, Avviz Legali 110 tan-1993 u tikkundannah ghal Lm250 multa li ghandhom jithallsu fi zmien tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------